MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 533/2011

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Mariella Bonnici, bint Carmel Micallef, imwielda Marsa fit-18 ta’ April, 1970, Karta ta’ l-Identita numru 224470(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fid-9 ta’ April, 2008 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer mingħajr awtorizzazzjoni użat computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f’xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ li jinzammu f’dak il-computer jew f’xi computer ieħor, jew użat, ikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ bħal dawk;

2. talli fl-istess dati u ċirkostanzi użat il-kodiċi ta’ dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta’ dħul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna oħra f’computer.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2012 fejn deher Carmel Bonnici li ddikjara li ma jidx joffri x-xhieda tiegħu kontra martu Mariella Bonnici, l-imputata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2012 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------